MALTA

# QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 172/2007

**A B**

**-vs-**

**C D u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-20 ta' April 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat:

1. Illi l-kontendenti żżewġu skond il-liġi nhar it-31 ta' Mejju 2000 skond l-Att taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. A.

2. Illi l-kontendenti ilhom separati *de facto* għal aktar minn ħames snin.

3. Illi l-attriċi kellha relazzjoni ma' terzi persuni u minn din r-relazzjoni l-attriċi kellha tarbija li twieldet fis-17 ta' Marzu 2007 kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid tiegħu mmarkat Dok. B.

4. Illi l-konvenut mhux il-missier naturali tat-tifel li ngħata l-isem ta' E.

5. Illi *nonostante* t-tarbija ġiet reġistrata fiċ-ċertifikat tat-twelid relattiv fuq kunjom il-konvenut u ċioe' E D.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti in vista tal-premess għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut C D mhux il-missier naturali tat-tarbija li ġġib l-isem ta' E D li twieldet fis-17 ta' Marzu 2007.

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fiċ-ċertifikati tat-twelid ta' l-istess tarbija billi kull fejn hemm indikat il-kunjom tat-tarbija, il-kunjom "D", jiġi sostitwit bil-kunjom "B" u fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier "C D" jiġi sostitwit bil-kliem *"unknown father".*

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fid-19 ta' Settembru 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr pregudizzju għas-suespost, jeħtieg li r-rikorrenti tipprova l-impossibbilta’ fiżika bejn il-konjuġi u ċioe’ bejn l-intimat C D u bejnha.

3. Illi l-minuri għandu jkun parti fil-kawża u l-interessi tiegħu rappreżentati minn kuraturi deputati għax jista’ jkun hemm kunflitt ta’ interess.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-Artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta’ l-intimat, li għaldaqstant m’għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta’ l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x’jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut D debitament notifikat baqa kontumaċi;

Rat l-attri proċesswali u semgħet lill-attriċi,

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Mejju 2009 li permezz tiegħu il-kawża thalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha u ġiet reġistrata bħala bint żewġha li minnu llum hija separata *de facto*, fil-fatt hija bint xi ħadd mhux magħruf wara li kellha relazzjoni ma’ terzi persuni.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **“Josianne Giusti vs Pierre Giusti et”** deċiża fis-16 ta’ Frar, 2001 kienet qalet hekk:

*"Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artiklu 77 tal-Kodiċi Civili (**"Spiteri pro et noe vs Cilia et"**, fost oħrajn, 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija."*

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta' l-attriċi. Mill-provi jirriżulta li l-attriċi kellha relazzjoni ma' persuna barranija u wara ftit ġimgħat ħarġet tqila. Meta mistoqsija mill-Qorti qalet li fuq dan ir-raġel ma kienet taf xejn ħlief ismu, u fil-fatt tilfet kull traċċja tiegħu. Naturalment filwaqt li l-Qorti ma tistax tikkumplimenta lill-attriċi għal dak li għamlet m'għandhiex għażla oħra ħlief li tilqa' t-talbiet tagħha.

Il-pubblikazzjoni a tenur ta' l-artikolu 254 saret debitament.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. tiddikjara li l-konvenut mhux il-missier naturali tal-minuri E;**

**2. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji fl-att tat-twelid numru ___/____ billi jiġu milqugħa t-talbiet attriċi kif proposti fit-tieni talba tagħha.**

**L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------